MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2005

Numru 30/2000

Il-Pulizija
(Spettur Nicholas Ciappara)
vs
Sandro Mifsud

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Sandro Mifsud, detentur tal-karta ta’ l-identita Nru 199673(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fit-12 ta’ Awissu, 1996 u x-xhur ta’ qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjon jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li

jkollu d-droga fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, lill-persuna/i jew ghall-uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN292/1939) jew minn xi awtorita mghotija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u mingahjr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ukoll talli fit-12 ta’ Awissu 1996 u granet ta’ qabel kien fil-pussess tad-droga Eroina u droga Raza tal-Cannabis f’cirkostanzi tali li juru li dawn id-drogi ma kienux ghall-uzu esklussiv tieghu;

Ukoll talli f’dawn il-Gzejjer fit-12 ta’ Awissu, 1996 u x-xhur ta’ qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, bi ksur tal-Art. 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ukoll talli sar recidiv skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi simili mghotija lilu mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) fit-2 ta’ April, 1990 Awla D, 15

ta’ Marzu, 1995 Awla 2, fl-14 ta’ Dicembru, 1995 Awla 8, fis-6 ta’ Marzu, 1996 Awla 3, u mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta’ Jannar, 1993;

Ukoll talli f’dawn il-Gzejjer fit-12 ta’ Awissu, 1996 u x-xhur ta’ qabel din id-data, assocja ruhu ma xi persuna jew persuni ohra f’dawn il-Gzejjer, jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex jbiegh jew jittrafika medicina f’dawn il-Gzejjer kontra id-dispozizzjoni tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi jew ippromova, ikkostitwizza, organizza, jew iffinanza din l-assocjazzjoni, u dan bi ksur tal-Artikolu 22(1)(f) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ordni ta’ l-Avukat Generali datata 16 ta’ Settembru 1996 li permezz taghha bis-sahha tas-Subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 101 ordna lill-imputat fuq imsemmi jitressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali biex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza.

Semghet lill-imputat iwiegeb li ma kienx hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu;

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti diversament presjeduta tal-21 ta’ Lulju, 2000 li permezz taghha il-Qorti laqghet it-talba li saritilha sabiex tezercita l-privilegg tal-forum ai termini ta’ l-Artikolu 372 (2) tal-Kap. 9 sabiex il-kawza tinstema mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), peress illi l-imputat jirrisjedi Malta;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta’ Settembru tas-sena 2000 li permezz tieghu, fuq talba tal-Ufficjal Prosekutur, ordnat lir-Registratur tal-Qorti sabiex jesebixxi l-process tal-kaz “il-Pulizija kontra Nicholas Deguara”, deciz mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta’ April tas-sena 2000, f’dawn l-atti, u rat illi effettivament dan il-process gie esebit mir-Registratur tal-Qorti waqt is-seduta tat-22 ta’ Novembru tas-sena 2000, sabiex hekk dan il-process, li gie immarkat mill-Qorti bhala Dokument GD 1, jaghmel parti integrali minn dawn il-proceduri.

Semghet lix-xhieda li gew prodotti inkluz l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu, d-dokument esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fit-12 ta’ Awissu, 1996, waqt illi s-Supretendent Nicholas Ciappara, dak iz-zmien Spettur, kien id-Drug Squad, l-ufficju tieghu u irceva telefonata minn Ghawdex fejn kienu infurmawh li f’fond Marsalforn kienet instabet xi droga. Ghalhekk huwa tela’ Ghawdex u fl-ghassa tar-Rabat Ghawdex sab diversi persuni arrestati, fosthom l-imputat fuq imsemmi. Is-Supretendent Ciappara xehed illi kien jaf illi ukoll kienet instabet xi droga fil-flat numru 7 Lampuka Flats, Triq is-Sajjied Marsalforn. Kienet infethet inkjesta Magisterjali. Is-Supretendent Ciappara xehed illi kien prezenti meta gie interrogat l-imputat.

Illi giet esebita l-istqarrija tal-imputat illi giet rilaxxjata fit-12 ta’ Awissu, 1996 u f’din l-istqarrija l-imputat stqarr illi huwa kien tela’ Ghawdex fit-2 ta’ Awissu, 1996, kien kera flat numru 7 Lampuka Flats, Triq is-Sajjied Marsalforn, Ghawdex fuq ismu ghas-somma ta’ sitt liri kulljum.. Huwa kien telgha Ghawdex flimkien mal-mara u t-tifel tieghu u f’xi granet kien hemm ukoll mieghu ommu u ohtu. Is-Sibt filghaxija tela’ ukoll certu Nicky Deguara u hu kien mar ghalih ix-xatt ta’ l-Imgarr u dan Deguara baqa’ joqghod mieghu fil-flat sal-gurnata meta hu, flimkien ma Deguara, gew arrestati mill-pulizija. Nicky Deguara kien tela biex jaghmel gimgha mieghu hemm hekk u kien qed jorqod fil-flat mieghu fl-ewwel kamra tas-sodda, hekk kif tidhol fil-flat. L-imputat stqarr illi fit-12 ta’ Awissu, 1996 ghall-habta tad-disgha ta’ filghodu, kienu gew il-pulizija fil-flat, ghamlu tfittxija fil-prezenza tieghu, u fl-ewwel kamra, fejn hemm is-salott go pakkett tas-sigaretti, kienu sabu pakkett lubretti, xi sigaretti u bicca blokka tal-Cannabis. Aktar ‘il gewwa fil-kamra il-vojta, l-kamra ta’ gewwa nett, il-pulizija

sabu basket tal-plastic li fih sabu borza u fidda. L-imputat stqarr mal-pulizija li dak il-hin irvella u beda jistaqsi lil Nicky x'kienu dawn l-oggetti li sabu l-pulizija. Huwa stqarr illi dawk l-affarijiet li l-pulizija sabu fil-basket ma kienux tieghu, pero' l-bicca blokka tal-cannabis misjuba fil-pakkett tas-sigaretti fis-salott kienet tieghu. Kien tellaghha mieghu minn Malta u ma riedx jghid minghand min kien xtara din id-droga. Mistoqsi dwar id-droga kollha li instabet fil-flat, l-ghaxar pakketti eroina u bicca resina tal-Cannabis u l-eroina li kien hemm f'bicca karta fl-istess basket, l-imputat qal illi dawn kienu ta' Nicky Deguara. L-imputat umbaghad gie mistoqsi x'kellu x'jikkummenta dwar dak li kien qal lill-pulizija Deguara, u cioe' illi dwar l-ghaxar pakketti bl-eroina, kien hemm ftehim bejn Deguara u l-imputat. L-imputat kien ghadda d-droga lil Deguara u qallu li kellu jhallsu taghhom wara, filwaqt illi skond Deguara l-affarijiet kollha l-ohrajn kienu tal-imputat. L-imputat cahad din il-verzjoni illi l-pulizija qabdu li kien ta Deguara. Mistoqsi jekk kienx veru li hu kien ilu zmien jaghti diversi pakketti bl-eroina lil Nicky Deguara sabiex dan ibieghhom u minn kull ghaxra li ibiegh, Deguara izomm tnejn minnhom ghalih, l-imputat qal illi dan ma kienx veru u hu qatt ma kien ghadda eroina lil hadd. Mistoqsi meta pejjep l-ahhar blokka tal-cannabis l-imputat qal illi kien ghamel hekk il-gurnata ta' qabel u cioe' il-Hadd meta kien hu, Nicky, il-mara tieghu u Liliana, waqt li kienu fejn il-bahar, izda qal illi hu u Nicky Deguara biss kienu pejpuha id-droga. Mistoqsi meta l-ahhar kien abbuza mill-eroina l-imputat wiegeb li dan kien madwar xahar qabel. L-imputat ma riedx jghid min fejn kien jixtri l-eroina u qal illi kemm kien ilu Ghawdex ma kienx biegh eroina lil hadd, la mill-flat tieghu u lanqas minn xi post iehor. Mistoqsi kemm kien ilu jaf lil Nicky Deguara qal illi kien jafu minn meta kienu tfal u qal ukoll illi oht Nicky Deguara mizzewga lil kugin tieghu. Huwa qal illi huma kienu hbieb u gieli kien imur fil-hanut tieghu fejn jahdem hu. Qal illi kienu hbieb u ma kellhom l-ebda problemi bejniethom.

Illi diversi pulizija xehdu illi fit-12 ta' Awissu, 1996 ghamlu "raid" fil-fond Lampuka Flats, Triq is-Sajjied Marsalforn, habbtu fil-flat numru 7 u fetah l-imputat Sandro Mifsud li kellu mieghu t-tfajla tieghu Sandra. Il-pulizija dahlu,

semghu xi passi fuq in-naha ta' wara, u f'kamra wara l-kamra tas-sodda sabu guvni, certu Nicky Deguara, li hdejh kellu tyre tal-ghawm tat-tfal li tahtu kien hemm basket abjad. Huma fethu dan il-basket u sabu kwantita ta' pakketti suspettati li kienu jikkontjenu d-droga. Komplew bit-tfittxija taghhom u fuq il-mejda fis-salott kien hemm bicca blokka li kienet f'silver foil u fuq il-basket li kellu miktub fuqu 'Tony's Pharmacy' kien hemm xi siringi u xi tlieta u erbghin sachets u zewg bicciet raza tal-cannabis.

Illi xehed Nicholas Deguara f'dawn il-proceduri u beda biex qal illi kien gie akkuzat bi traffikar u pussess ta' droga u l-kaz tieghu inqata definittivament. Xehed dwar il-kaz in kwistjoni u qal illi dik il-habta kien telgha Ghawdex fil-flat tal-imputat f'Marsalforn u f'dan il-flat kien hemm ukoll il-mara tal-imputat. Huwa xehed illi kien iltaqa mal-imputat fejn il-vapur ta' Ghawdex u l-imputat kien tellghu l-flat. Baqghu hemmhekk u l-ghada filghodu kienu ghamlu 'raid' il-pulizija, jew l-ghada, jew jumejn wara, u l-pulizija hemmhekk kienu sabu sitta u erbghin pakkett droga eroina u xi erbghatax il-gramma blokka. Deguara xehed illi nofs din id-drogi kienu tieghu. In-nofs il-blokka wkoll kienet tieghu. Huwa kellu ftehim mal-imputat dwar id-droga. Gieli kien hemm ftehim bejniethom fis-sens illi l-imputat jaghtih ghaxar pakketti droga, izomm tnejn ghalih u it-tmien pakketti l-ohrajn jew jehodhom hu jew inkella ibieghhom u jaghti l-flus lill-imputat. Huwa xehed illi l-imputat gieli gie ghandu d-dar, gieli cempillu, jew inkella cempillu l-imputat u kienu jiltaqghu f'diversi postijiet. Huwa xehed illi dam ghaddej b'dawn l-arrangamenti mal-imputat xi sitt xhur. Dwar dakinhar in kwistjoni Deguara xehed illi huwa kien Ghawdex u ftit qabel ma kienu gew il-pulizija jaghmlu r-raid kien gie ragel il-flat, certu Duminku Scerri, u hu kien bieghlu d-droga, kien bieghlu zewg pakketti droga ghas-somma ta' ghoxrin lira (LM 20). Deguara xehed illi kien ibiegh d-droga ghall-imputat kemm Ghawdex, kif ukoll Malta. Dakinhar in kwistjoni meta telgha Ghawdex, kien tella d-droga mieghu minn Malta, kellu xi hames grammi eroina, kellu wkoll xi raza tal-cannabis. Pero' minn dawn il-pulizija sabu gramma biss ghaliex id-droga l-ohra kienu haduha hu u l-imputat.

Deguara xehed illi fiz-zmien in kwistjoni kien jiehu bejn ghaxar u tmien pakketti eroina kulljum ghaliex ma kienx qieghed jiehu l-methadone. Meta Duminku Scerri kien gie ihabbat il-bieb tal-flat ta' Ghawdex huwa kien staqsa ghall-imputat, pero' peress illi l-imputat kien rieqed kien qdih hu, jigifieri Deguara. Deguara xehed illi l-ghoxrin lira li kien tah Duminku Scerri hu kien ghaddihom lill-imputat. Deguara ikkonferma illi f'Ghawdex meta kienu gew il-pulizija huwa kien irrilaxxja stqarrija lill-pulizija li kien sussegwentement ikkonfermaha quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

Illi l-Qorti rat l-istqarrija illi irrilaxxja Nicholas Deguara lill-pulizija fit-12 ta' Awissu, 1996 li fiha qal illi kien telgha Ghawdex is-Sibt filghaxija 10 ta' Awissu 1996 ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija u mar fil-flat illi kien kera l-imputat flat numru 7 Lampuka Flats, Triq is-Sajjied Marsalforn. Fil-flat kien hemm l-imputat u l-mara tieghu u t-tarbija. Kien gie ghalih hdejn il-vapur l-imputat u kien wasslu fil-flat. Nicholas Deguara qal fl-istqarrija tieghu illi hu kien jahdem ghall-imputat. Kien qal lill-imputat li xtaq jitla sa Ghawdex u l-imputat qallu li anke hu kien ser jitla. Deguara xehed illi jahdem f'souvenir shop f'The Strand tas-Sliema li hu ta' missieru u li madwar xi xahar qabel kien iltaqa mal-imputat u id-diskors gie fuq l-eroina u kien xtara zewg pakketti eroina minghand l-imputat. Deguara qal fl-istqarrija tieghu illi l-imputat kien issuggerielu illi jibda ibiegh l-eroina, jibda jaghtih ghaxar pakketti, tmienja minnhom kellu ibieghhomlu u izomm iz-zewg pakketti ohrajn eroina b'xejn ghalih. Hu kien accetta, l-imputat kien jigi l-hanut u jaghtih l-ghaxar pakketti droga. Kien hemm zmien kien jigi kulljum, u kien hemm zmien illi kien jaghmel xi jumejn u ma jersaqx 'l hemm. Normalment ma kienx icempillu, izda kien l-istess imputat li kien jigi ifittxu fil-hanut. Deguara kien jaghtih il-flus u hu kien jerga jaghtih ghaxar pakketti droga ohrajn. Deguara kompla jghid illi fit-12 ta' Awissu 1996, ghall-habta tad-disgha ta' filghodu, il-pulizija ghamlu 'raid' fil-flat mikri mill-imputat Lampuka Flats, Triq is-Sajjied Marsalforn, Ghawdex. Il-pulizija ghamlu tfittxija fil-flat u meta hu kien semgha lill-pulizija mar jigri fil-kamra ta' gewwa biex jipprova jarmi d-droga li hu u l-imputat kellhom f'basket tal-plastic, izda ma

irnexxielux ghaliex lahquh il-pulizija. Fit-tfittxija il-pulizija sabu basket tal-plastik, erbgha siringi, boroz tal-karti ohra bi hdax il-siringa, borza tal-plastik ohra li kien fiha foil kulur id-deheb, bicca blokka tal-cannabis, hdax il-pakkett eroina, zewg pakketti tas-silver foil li kien fihom ghaxar sachets kull wiehed, sachet kbir tal-karti li kien fih ghaxar sachets bl-eroina, bicca karta li kien fiha zewg sachets bl-eroina, u bicca karta li kien fiha trab kannella li huwa qal illi kienet eroina. Fil-kamra ta' barra, fuq il-mejda tas-salott, kien hemm pakkett tas-sigaretti li fih kien hemm bicca blokka tal-cannabis u minn dawn l-affarijiet kollha Deguara qal illi d-droga li kienet tieghu personali kienet il-bicca blokka tal-cannabis li kien hemm fil-basket, l-ghaxar sachets bl-eroina, kif ukoll il-karta li kien fiha l-eroina ta' kulur kannella li ma kienitx ippakkjata. Rigward is-siringi, Deguara qal illi dawn kienu kemm tieghu, kif ukoll tal-imputat. Dwar l-affarijiet l-ohrajn li instabu mill-pulizija fil-flat, Deguara qal illi dawn kienu tal-imputat. Id-droga kollha li semma li kienet tieghu huwa qal illi tellaghha tieghu minn Malta u kien ser juzaha ghall-uzu personali tieghu. Umbaghad ippreciza li kien tella' mieghu dik il-karta bl-eroina li qabel ma uza minnha kien fiha madwar zewg grammi eroina u l-blokka, jew resin tal-cannabis li instabet fil-basket. L-ghaxar sachets eroina li qal illi kienu tieghu, kien hemm ftehim bejnu u bejn l-imputat peress illi l-imputat kien tahomlu biex juzahom hu u ihallsu aktar 'il quddiem. Rigward din il-blokka u l-eroina li qal li kienu tieghu, dawn kien xtahom minn Malta gimgha qabel minn hdejn id-detox minghand wiehed b'karozza zghira tal-kiri hamra, pero' ma jafx x'jismu, u dawn l-affarijiet kien xtahom ghall-prezz ta' disghin lira (LM 90). Mistoqsi jekk hu jew l-imputat, jew il-mara tal-imputat, bieghux xi droga lil xi hadd Ghawdex, qal illi hu kien biegh zewg pakketti eroina lil wiehed daqsxejn ohxon il-Hadd wara nofsinhar. Dan kien gie il-flat, staqsa ghall-imputat u peress illi fetahlu hu, qdih hu stess, u taz-zewg pakketti dan ir-ragel hallsu ghoxrin lira (LM 20) illi sa issa zammhom hu, izda stqarr illi irid jaghtihom lill-imputat. Dwar il-mara tal-imputat, Deguara qal illi ma jafx jekk qattx bieghet droga lil xi hadd. Dwar l-imputat, qal illi meta kien hiereg mill-flat ra wiehed b'xahru bajda tiela fil-flat, pero' ma jafx jekk l-imputat lahaqx bieghlu d-droga jew le. Mistoqsi, huwa

wiegeb illi ma jafx minn fejn l-imputat jixtri d-droga. Deguara qal ukoll fl-istqarrija tieghu illi kemm hu, l-imputat, il-mara tal-imputat u certa Liliana kienu pejpu l-blokka tal-Cannabis flimkien. Dwar ir-ragel ohxon illi semma l-istqarrija tieghu u li kien bieghlu zewg pakketti eroina qallu illi rah l-ghassa u l-pulizija infurmawh li kien jismu Domnic Scerri mir-Rabat, Ghawdex. Dwar il-persuna li wkoll semma fl-istqarrija tieghu b'xahru bajda u li kien rah tiela fil-flat Deguara stqarr Ii l-pulizija infurmawh illi dan kien jismu Joe Bajada mix-Xaghra, Ghawdex.

Illi kien xehed ukoll l-Ispettur Antonello Grech u qal illi dakinhar in kwistjoni kien ghamel search fi flat numru 7 Lampuka Flats, Triq is-Sajjied Marsalforn fejn kienu jafu li kien hemm l-imputat, Malti maghruf fid-droga u kellhom informazzjoni illi kellu xi droga hemm hekk. Effettivament l-Ispettur Grech mar hemmhekk u flimkien mas-Supretendent Paul Sammut, fis-salott, sabu bicca cannabis resin go foil tal-fidda go pakkett tas-sigaretti. Fil-kamra fuq gewwa fejn kien hemm basket tal-plastic dan kien fih siringi u xi sachets, ghalhekk l-Ispettur informa lill-Magistrat Coppini li fetah inkjesta Magisterjali. L-Ispettur Grech kompla bis-search u sab bicca karta li kienet qeghda fuq il-fridge fuq note book li fih kien hemm miktub “Sandro profitt LM700 u Nicky profitt LM700”. Kien hemm diversi figuri u fl-ahhar kienu jaslu ghal dawk ic-cifri ta' sebgha mija (LM 700). Gew l-esperti forensici li bdew jifthu l-basket u hemm hekk sabu pakkett microfile, tlett siringi, karta bajda ‘pharmacy’ miktuba fuqha b'disa' siringi, zewg pakketti tar-rizla, karta bajda ohra b'xi sinjali vjola, karta li kien hemm l-isem miktub fuqha Sandro u figura “1470 u 175”. Kien hemm ukoll roll silver foil, bicca karta ohra bis-silver foil go fiha u zewg sachets go fiha, kien hemm ukoll foil ta' kulur isfar li kien ir-resin tal-cannabis u foil tal-kulur tal-fidda li kien hemm karta go fih li kien fiha kwantita tat-trab kannella suspettata eroina. Kien hemm hdax il-sachets f'basket tal-plastic, zewg bicciet silver foil li kien fihom ghaxar sachets kull wiehed u kien hemm sachet kbir li kien fih ghaxar sachets zghar go fih. Sussegwentement marru l-ghassa tal-pulizija u interrogaw lil Nicholas Deguara illi mal-ewwel ikkopera mal-pulizija u irrilaxxalhom stqarrija.

Illi xehed ukoll Dominic Scerri u qal illi l-pulizija kienu qabduh b'zewg sachets tad-droga eroina. Huwa xehed illi kien jaf lil Nicholas Deguara ghaliex kellu habid id-detox li kien laqqghu mieghu. Huwa kompla jixhed li kien mar il-flat tal-habib li kellu Sandro, l-imputat, u dan Sandro kien laqqghu ma Nicholas Deguara. Dwar iz-zewg sachets tad-droga huwa xehed illi ma kienx xtrahom dakinhar illi qabduh il-pulizija izda il-gurnata ta' qabel. Huwa kien mar il-flat tal-imputat u minn hemmhekk kien xtara d-droga minghand l-imputat u minghand Nicholas Deguara. Huwa dahal fil-flat, il-bieb fetahulu l-imputat, li sejjah lil Nicky Deguara, u kien Nicky Deguara li tah iz-zewg pakketti eroina u li huwa hallsu taghhom ghoxrin lira (LM 20). Ix-xhud kompla jghid illi lil Nicholas Deguara iltaqa mieghu biss dakinhar u huwa kien jaf izjed lill-imputat Sandro Mifsud. L-ewwel darba li kien iltaqa mal-imputat kien id-detox u kienu bdew jirragunaw flimkien u gie id-diskors fuq l-eroina. Huwa l-izjed li kellu kunfidenza kien mal-imputat u mhux ma Nicholas Deguara u l-ftehim sabiex jixtri d-droga ma ghamlux ma Nicholas Deguara, izda mal-imputat u kien l-istess imputat li laqqghu ma Nicholas Deguara. Ix-xhud kompla jghid li meta l-imputat fetah il-bieb u rah, sejjah lil Deguara, u qallu "gie dan u irid jixtri" u dak il-hin il-pakketti tad-droga kienu diga f'idejn Nicholas Deguara. Ix-xhud kompla jghid illi kien imur id-detox, kien jitkellem mal-imputat u kien jghidlu kemm saret difficli biex issib tixtri l-eroina. L-imputat kien qallu li kellu jigi wiehed fil-flat tieghu minn Malta u offrielu biex jigi ghandu fil-flat u jixtri d-droga minghandu. L-imputat kien qallu li kien ser idum xi xahar Ghawdex u xehed ukoll illi kien iltaqa mal-imputat xi tlett darbiet id-detox. Huwa kompla jixhed illi sa fejn jaf hu l-flus spiccaw ghand Nicholas Deguara, izda x'ghamel bihom Deguara wara huwa ma jafx. Meta Deguara tah il-pakketti tad-droga l-imputat kien vicin taghhom, kienu t-tlieta qishom qaqocca. Finalment, Dominic Scerri xehed illi fiz-zmien illi huwa xtara d-droga minghand Nicholas Deguara u l-imputat ma kienx hemm eroina disponibbli ghall-bejgh f'Ghawdex.

Illi l-Qorti rat ix-xhieda illi ta Nicholas Deguara fil-proceduri li kienu hadu l-pulizija kontra tieghu; liema proceduri, kif

diga intqal, jiffurmaw parti integrali minn dan il-procediment. Nicholas Deguara meta xehed fil-Qorti ikkonferma l-istqarrija li kien irrilaxxja lill-pulizija u mistoqsi kemm kien jikkonsma droga dak iz-zmien qal illi kien jikkonsma bejn tmienja, jew disa' pakketti kuljum eroina. Dwar l-imputat Deguara xehed illi huwa kien ibiegh id-drogi ghall-imputat u izomm xi droga ghalih b'xejn bhala kumpens. Mistoqsi dwar dik id-darba illi huwa kien telgha Ghawdex fil-flat li kien kera l-imputat huwa qal illi dik il-habta kellu jaghti sitt mitt lira lill-imputat, ried jaqta d-dejn mieghu u biex jaqta d-dejn kellu ibieghlu d-droga. Deguara kompla jixhed dwar dakinhar li l-pulizija gew jaghmlu raid fil-flat f'Marsalforn Ghawdex. Ix-xhud qal illi minn dik id-droga li sabu l-pulizija fil-flat Ghawdex ftit minn dik id-droga kienet tieghu u bicca minn dik id-droga kienet tal-imputat. Huwa xehed illi kien tella mieghu karta tal-eroina li qabel ma kien uza minnha ghalih stess kien fiha madwar zewg grammi eroina u kien tella wkoll il-blokka, jew ir-resin misjuba fil-basket, sachets jew eroina u kien hemm ftehim bejnu u bejn l-imputat illi kien ghaddhielu s-sachets tal-eroina biex juzahom hu u ihallsu aktar 'il quddiem. Rigward il-blokka u l-eroina li qal li kienu tieghu dawn kien xtrahom minn Malta minn fejn id-detox. Deguara xehed illi kien gie certu Dominic ihabbat il-flat Marsalforn u kien qdih hu fuq struzzjonijiet tal-imputat illi kien talbu jaghmillu pjacir, tah zewg pakketti u qallu biex ibieghhom lil dan Dominic. Ix-xhud qal illi l-flus ta' din id-droga mibjugha lil Dominic kien hadhom l-imputat. Mistoqsi dwar l-affarijiet li kienu sabu l-pulizija fir-raid fil-flat f'Ghawdex, ix-xhud qal illi l-unika droga li kellu fil-flat li kienet tieghu kienet dik li ma kienitx ippakjata u l-bicca tal-cannabis. Izda dakinhar kien qal lill-pulizija li nofs il-pakketti kienu tieghu u dan ghamlu biex ma jitfax it-tort kollu fuq l-imputat u dana peress illi huwa kien jiddependi mill-imputat ghax hu kien ifejqu kull meta kien ikollu bzonn jiehu d-droga. Ix-xhud qal ukoll illi d-droga li kien tella minn Malta kien ghamilha f'basket flimkien mad-droga tal-imputat u dana peress illi l-imputat kien talbu jaghtih id-droga biex jekk jinqala xi haga ikun kollox f'daqqa u ghalhekk hu tah id-droga li kien tella' minn Malta.

Illi fis-sentenza li inghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-konfront ta’ Nicholas Deguara, il-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni illi Deguara kien ibiegh id-droga ghan-nom tal-imputat, mhux ghal skop lukrattiv, izda minhabba d-dependenza li kellu ghad-droga. Il-Qorti kienet hadet ukoll in konsiderazzjoni illi l-imputat kien ghen lill-pulizija fl-investigazzjoni taghhom dwar droga peress illi qalilhom bl-agir tal-imputat u b’hekk ibbenefika mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 u din is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati giet ukoll konfermata mill-Qorti tal-Appell illi anzi naqqset anke il-perjodu ta’ prigunerija illi ghalih gie ikkundannat Deguara fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati.

Illi xehed l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament u spjega diversi problemi illi ghadda minnhom matul tfulitu. Dwar ir-raid illi sar fil-flat mikri lilu Ghawdex, qal illi huwa kien tela Ghawdex, kien imur id-detox biex jiehu l-methadone u hemmhekk kien iltaqa ma certu Dominic Scerri li kien spjegalu li droga Ghawdex ma kienx hemm u li huwa xtaq jixtri d-droga. F’dan l-istadju l-imputat xehed illi huwa kien qallu illi huwa kien jixtri d-droga minghand Nicky Deguara. Darba minnhom skond l-imputat kien cempillu Nicky Deguara u kien qallu li ried jitla Ghawdex u hu kien tah permess sabiex jitla erbghat ijiem mieghu fil-flat. Effettivament Nicky kien telgha Ghawdex u omm l-imputat ma kellhiex pjacir b’dan Nicky u b’hekk telqet Malta. L-imputat kompla jixhed illi Nicky kien tella mieghu hames grammi eroina u half ‘ounce’ blokka. Nofs minn dan il-half ‘ounce’ blokka li kien tella kienu sabuha il-pulizija f’pakkett tas-sigaretti Dunhill abjad u dakinhar hu kien qal lill-pulizija li dik id-droga kienet tieghu. L-imputat xehed illi huwa kien accetta illi Nicky jigi l-flat tieghu Ghawdex ghaliex huwa kien weghdu illi ma kienx ser igib droga mieghu, mentri fil-fatt gab id-droga mieghu Ghawdex u b’hekk huwa kellu xi jghid ma ommu. L-imputat, meta xehed, biddel il-verzjoni illi kien ta fl-istqarrija li irrilaxxja lill-pulizija u qal illi huwa kien ghamel hekk ghaliex dakinhar ried jipprotegi lil Nicky Deguara, izda wara sar jaf illi Deguara kien wahhal fih u ghalhekk issa irid jghid il-verita u ma iridx jiehu t-tort minflok Nicky Deguara. L-imputat kompla jixhed illi meta mar id-Detox l-

ghada kien iltaqa ma Duminku Scerri u kien qallu illi kellu lil xi hadd mieghu fi flat illi kien gab id-droga mieghu minn Malta u li jekk ried setgha jigi l-flat u jixtri d-droga minghandu. Effettivament, wara nofsinhar kien gie Duminku ghandu l-flat Ghawdex, fetah il-bieb u sejjah lil Nicky u effettivament Nicky kien qdih u bieghlu zewg pakketti droga. L-imputat xehed illi d-droga kollha li sabu l-pulizija fil-flat kien tellaghha kollha Nicky mieghu minn Malta. Huwa cahad illi qatt kien biegh id-droga lil Nicky u qal illi Nicky kien ibiegh id-droga lilu u li Nicky kien igib id-droga minghand Philip Magri. L-imputat cahad illi Nicky qatt biegh id-droga ghalih. L-imputat ammetta illi fl-istatement tieghu kien qal lill-pulizija illi l-cannabis li instabet fil-pakkett tas-sigaretti kienet tieghu, mentri issa xehed li ma kienitx tieghu, imma kien gabha Nicky Deguara minn Malta. Huwa qal illi huwa kien qal hekk fl-istqarrija tieghu ghax ma riedx jikxef lil Nicky Deguara. Dwar il-blokka, xehed li dik kienet tal-mara tieghu, izda fl-istqarrija ma kienx qal lill-pulizija, u dan sabiex jipprotegi lill-istess mara tieghu. L-imputat gie imfakkar mill-Ufficjal Prosekutur illi fl-istqarrija il-pulizija kienu qalulu illi Nicky Deguara kien qieghed iwahhal fih u gie allura mitlub ghalfejn ma qalx dakinhar il-verita meta kien jaf, ghaliex il-pulizija kienu qalulu, illi Nicky Deguara kien qieghed iwahhal fih u iddecieda li jghid il-verita issa meta xehed fil-Qorti. L-imputat wiegeb illi huwa ghamel hekk ghaliex haseb li din kienet xi loghba, xi tattika li kienet qeghda tuza l-pulizija u qatt ma emmen li Nicky Deguara kien verament qieghed iwahhal fih. Huwa kompla jixhed illi l-pulizija lilu riedu, semaghhom ukoll ighidu hekk u skond hu il-pulizija ilhom imqabbdin mieghu minn mindu hu kellu tnax il-sena u dejjem lilu riedu. Mistoqsi ghalfejn fl-istqarrija li irrilaxxja lill-pulizija ma kienx qal illi gurnata qabel ma gie arrestat kien ha d-droga, izda kien qal lill-pulizija li kien ilu ma jiehu d-droga xi xahar, huwa xehed illi ghamel hekk biex ma jinkriminax ruhu dwar pussess ta' droga, kif ukoll ghaliex hu ried jitkellem ma Nicky l-ewwel. L-imputat umbaghad gie mistoqsi jispjega x'setghet kienet id-differenza, u dana peress illi anke jekk tkun hadt id-droga xahar qabel xorta wahda tista titressaq dwar pussess ta' droga? L-imputat spjega illi huwa dakinhar kien qal hekk ghaliex ma riedx jigi li kien komplici ma

Nicky Deguara. Mistoqsi dwar Dominic Scerri, l-imputat qal illi lil Scerri kien qallu illi Nicky kien ser igib id-droga minn Malta mhux ghaliex kien jaf b'dan izda ghaliex basar illi Nicky kien ser igib id-droga mieghu minn Malta. L-imputat cahad illi kien tella d-droga mieghu minn Malta u hadha Ghawdex u cahad ukoll illi fiz-zmien in kwistjoni huwa kien jittraffika d-droga. L-imputat cahad illi kemm Liliana, kif ukoll Joe Bajada kienu gew fil-flat tieghu sabiex jixtru d-droga. Qal illi dawn kienu gew fil-flat tieghu, izda mhux biex jixtru d-droga.

Il-Qorti rat il-'pre-sentencing inquiry report' imhejji mill-Probation Officer Marianne Zammit fejn hija qalet illi l-imputat huwa nieqes mill-kontroll u minn dixxiplina fil-hajja tieghu u huwa ma ghandux ikompli ghaddej bir-reati kriminali l-aktar fejn hemm vittmi ohra li b'xi mod jistghu jigu affettwati u dan kemm b'mod dirett, kif ukoll b'mod indirett. Ghaldaqstant hija qalet illi l-imputat ghandu jiehu din l-opportunita biex isewwi il-passat u jirrimedja l-problemi b'element ta' dixxiplina. Minn naha l-ohra, l-imputat ghandu jibbenefika minn kull opportunita sabiex isolvi l-problema li ghandu ta' l-abbuz mid-droga.

Il-Qorti innutat illi l-imputat xehed fis-sens illi huwa ma ghadux jabbuza mid-droga, izda irid jaghmel programm sabiex ikun jista jirreintegra ruhu fis-socjeta' meta johrog mill-habs.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti tara illi l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, u dana kemm peress illi resqet lix-xhud Dominic Scerri illi xehed illi kien l-imputat illi kien iltaqa mieghu d-detox u kien offrielu illi kien tiela siehbu minn Malta, ser ikollu d-droga u jkun jista ibieghlu d-droga, kif ukoll mix-xiehda illi ta f'dawn il-proceduri Nicholas Deguara, fis-sens illi huwa kien ibiegh id-droga ghall-imputat sabiex umbaghad huwa jiehu d-droga minghandu b'xejn ghall-uzu tieghu personali.

Illi huwa ta' rilevanza illi kemm il-Qorti tal-Magistrati diversament presjeduta, kif ukoll il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, emmnu ix-xiehda illi ta Nicholas Deguara, fis-sens illi Nicholas Deguara kien ibiegh id-droga mhux ghall-skop lukrattiv, izda kien ibieghha ghall-imputat fuq imsemmi sabiex umbaghad huwa ikollu d-droga ghalih b'xejn.

Illi l-imsemmi Nicholas Deguara dejjem kien konsistenti fil-verzjoni illi ta, kemm meta gie interrogat mill-pulizija, kif ukoll meta xehed f'dawn il-proceduri, izda l-istess ma jistax jinghad ghall-imputat illi fl-istqarrija qal mod u meta xehed f'dawn il-proceduri qal mod iehor u dana peress illi, skond hu, minkejja l-fatt illi l-pulizija kienu qalulu illi Nicky Deguara kien qalilhom illi kien hu illi kien jghidlu biex ibieghlu d-droga u kellhom ftehim bejniethom f'dan is-sens, l-imputat xehed illi huwa ma emminx lill-pulizija u haseb li din kienet xi loghba illi kienu qeghdin juzaw il-Pulizija.

Illi xejn mhi kredibbli x-xiehda li ta l-imputat fis-sens illi huwa ftiehem ma Dominic Scerri li kellu jigi Nicky Deguara minn Malta u dan kien ser ikollu droga xi ibieghlu, meta umbaghad l-istess imputat xehed illi huwa kien qal lill-istess Nicky Deguara biex ma igibx droga mieghu Ghawdex. L-imputat jipprova jiggustifika dawn l-inkonsistenzi kbar fix-xhieda tieghu billi qal illi minkejja l-fatt illi kien wiegeb u avza lil Deguara biex ma jgibx droga mieghu Ghawdex huwa kien assuma li hekk kien ser jaghmel. Li kieku dan kien veru, ghall-grazzja tal-argument, l-imputat qatt ma messu accetta illi Nicky Deguara jigi Ghawdex u hu stess jmur ghalih hdejn il-vapur u ittellghu mieghu u mal-familja tieghu fil-flat mikri minnu u dana anke peress illi l-istess imputat xehed illi huwa kien telgha Ghawdex biex joqghod 'il boghod minn kull tentazzjoni u biex ma jergax jaqa ghad-droga. Li kieku dan kien minnu u kien jaf illi Deguara kien ser itella d-droga mieghu ma kienx jippermettielu li jitla u joqghod mieghu fl-istess flat. Illi fil-fehma tal-Qorti dak illi gara kien illi l-imputat kien ftiehem mal-istess Deguara li kellu itella d-droga mieghu minn Malta peress illi Ghawdex ma kienx hemm droga eroina u b'hekk huwa kien ser jaghmel l-

profitt billi ibiegh d-droga eroina Ghawdex. L-istess droga eroina, hafna minnha kien tellaghha Nicky Deguara minn Malta, u dana bi ftehim mal-istess imputat. Hija huwa minnu illi l-imputat ma kellux trobbija facli li qatta diversi snin il-habs, izda dak li ghamel l-imputat huwa kundannabbli ferm u setgha wassal ghal xi incident sfortunat fejn xi hadd tilef hajtu kawza tad-droga mibjugha minn Nicky Deguara fuq struzzjonijiet tal-istess imputat. Xejn ma jista' jiggustifika dan l-agir ferm kundannabbli.

Illi minn ezami tal-fedina penali tal-imputat jirrizulta illi gie moghti diversi opportunitajiet mill-Qrati taghna, gew applikati fil-konfront tieghu 'probation orders'. Huwa gie wkoll misjub hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga, gie misjub ukoll hati ta' serq fost reati ohrajn u minkejja illi inghata diversi opportunitajiet biex jirriforma hajtu, huwa baqa' sejjer bil-hajja kriminali tieghu. Huwa inghata wkoll sentenzi sospizi, izda dejjem baqa' ghaddej bil-hajja kriminali tieghu u fil-prezent qieghed jiskonta sentenza ta' prigunerija.

Illi l-Qorti ma tarax illi hawn xi kaz fejn hija tista tuza xi klemenza mal-imputat. Il-Qorti dejjem stqarret illi r-reat tat-traffikar tad-droga huwa wiehed mill-aktar serji u mill-aktar kundannabbli fil-Kodici Kriminali u f'dawn ic-cirkostanzi il-piena adegwata hija dik ta' prigunerija. Ghaldaqstant, filwaqt li l-Qorti tiddikjara lill-imputat <u>hati</u> ta' l-akkuzi kollha, li gew ippruvati fil-konfront tieghu, u dana wara li l-Qorti rat l-Artikolu 22 (1) (f) ir-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi, (Notifikazzjoni tal-Gvern 292 ta' l-1939), l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 101, is-Sitt Taqsima tal-Kapitolu 101, ir-Regolament 4 tal-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi, (Notifikazzjoni tal-Gvern 292 ta' l-1939), l-Artikolu 8 tal-Kap. 101, u l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 22 (2) (b) subparagrafu (i) tal-Kap. 101 u l-Artikolu 17 tal-Kap. 9, tikkundanna lill-imputat, misjub hati kif diga intqal, ghall-prigunerija ta' seba' snin, illi minnha ghandu jitnaqqas kull zmien illi l-imputat ghamel taht arrest preventiv u ghall-hlas ta' multa ta' erbghat elef lira (LM 4,000), konvertibbli fi prigunerija

fil-kaz illi l-imputat jonqos li jhallasha a tenur tal-Artikolu 11 tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------